KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 92

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 13 ta' Ġunju 2019

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier
Massimo Scerri – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

## 92.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

92.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 92.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 91

92.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal- wieħed u disgħin laqgħa għall-approvazzjoni tal-kunsilliera.

92.2.2 Fuq proposta tal-Kunsilliera Stephanie Cutajar li kienet issekondata mill-Kunsillier Salvu Farrugia, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 92.3 Tmiem tal-laqgħa u għeluq tas-Seba Leġislatura

92.3.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda rendikont żgħir ta' finanzi li fih hemm imniżżel ammonti ta' flus li hija bħala Sindku ser tagħlaq bihom. Dan ir-rendikont juri stampa ċara li għal din il-leġislatura l-kunsill bħala finanzi ser jagħlaq fuq nota pożittiva w bħala finanzi, il-kunsill ser jitħalla f'idejn oħrajn fi qadgħa tajba. Dan ir-rapport ġie ffirmat mill-accountant tal-Kunsill, mis-Sindku, is-sinjura Magda Magri Naudi u għandu wkoll jiġi ffirmat mis-Sindku elett il-ġdid.

92.3.2 Wara dan is-Sindku fakret lis-Segretarju Eżekuttiv bil- proġetti pendenti li għandu bħalissa l-kunsill biex dawn jitkomplew fil-futur.

92.3.3 Qabel intemmet il-laqgħa s-Sindku xtaqet tagħmel diskors żgħir ta' għeluq fejn irringrazjat lil kunsilliera w il-Kunsill kollu tal-ħidma tiegħu tul din il-leġislatura. Irringrazjat lis-Segretarji Eżekuttivi kollha li kienu preżenti tul din il-leġislatura b'mod speċjali lis-Sinjura Georgette Borg u kif ukoll lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjorina Doriette Farrugia. Irringrazjat ukoll lis-sinjorina Pamela Borg bħala s-Segretarju l-ġdid tal-kunsill minkejja li ilha ftit taħdem f'din il-kariga. Is-Sindku wriet aprezzament kbir lejn l-istaff kollu tal-kunsill.

92.3.4 Is-Sindku rringrazjat ukoll lil ħaddiema tal-kunsill tal-għajnuna li dejjem taw u tax-xogħol ta' manutenzzjoni li dejjem għamlu fir-raħal. Hija rringrazjat lil ħaddiema preżenti u semmiet anke lis-Sur Michael Bedingfield. Minkejja li s-sur Bedingfield m'għadux fil-preżent jaħdem mal-kunsill, huwa dejjem ser jibqa mfakkar tax-xogħol tiegħu f'Ħal Lija. Is-Sindku rringrazjat ukoll lil accountant, is-Sinjura Marisa Ciappara għaliex kienet hi li rnexxilha ssib soluzjoni w taqla lil Kunsill mis-sitwazjoni ta' dejn li kien jinsab fiha. Mingħajrha l-kunsill kieku għadhu f'din il- qadgħa kritika.

92.3.5 Is-Sinjura Magda Magri Naudi temmet id-diskors billi rringrazjat lill-awtoritajiet kollha u tispera li dawn jaqtaw il-burokrazija w jaħdmu aktar id f'id mall-Kunsill Lokali.

92.3.6 Il-laqgħa ntemmet fis-5:50pm u b'hekk sar l-għeluq tas-seba' leġislatura.

IFFIRMATA

Magda Magri Naudi
Sindku

IFFIRMATA

Pamela Borg
Segretarju Eżekuttiv